

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-6 ta' Frar 2014 — Arkema France vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-23/10 u T-24/10) <sup>(1)</sup>

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Swieg Ewropej tal-istabbilizaturi termiċi tal-landa u tal-istabbilizzaturi termiċi ESBO/ester — Deċiżjoni li tikkonstata żewġ każijiet ta’ ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Multi — Tul tal-ksur — Preskrizzjoni — Interess leġittimu li jiġi kkonstatat ksur — Talba għal bidla — Ammont tal-multi — Tul tad-diversi ksur — Ġurisdizzjoni sħiħa”)

(2014/C 78/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Arkema France (Colombes, Franza) (rappreżentanti: inizjalment J. Joshua, barrister, u E. Aliende Rodríguez, avukat, sussegwentement J. P. Gunther u C. Breuvart, avukati) (Kawża T-23/10); u CECA SA (La Garenne-Colombes, Franza) (rappreżentanti: inizjalment J. Joshua, barrister, u E. Aliende Rodríguez, avukat, sussegwentement J.-P. Gunther u C. Breuvart, avukati) (Kawża T-24/10)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Mojzesowicz, F. Ronkes Agerbeek u J. Bourke, aġenti, assistiti minn J. Holmes, barrister)

#### Suġġett

Talbiet għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 8682 finali, tal-11 ta' Novembru 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.589 — Stabilizzaturi termiċi), jew, sussidjarjan, talbiet għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti.

#### Dispożittiv

(1) Ir-rikorsi huma miċħudin.

(2) Arkema France u CECA SA huma kkundannati għall-ispejjeż.

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-6 ta' Frar 2014 — AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-27/10) <sup>(1)</sup>

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Swieg ta’ stabilizzaturi termiċi tal-landa u ta’ stabilizzaturi termiċi ESBO/esteri — Deċiżjoni li tikkonstata żewġ każijiet ta’ ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Impriża ta’ konsulenza li ma toperax fis-swieq inkwistjoni — Multi — Talba għal annullament — Kunċett ta’ impriża — Prinċipju ta’ nulla poena sine lege — Tul tal-ksur — Preskrizzjoni — Tul tal-proċeduri amministrattivi — Terminu raġonevoli — Drittijiet tad-difīża — Informazzjoni tardiva tal-proċeduri ta’ investiġazzjoni — Limitu ta’ 10 % tad-dħul mill-bejgħ — Sanżjoni ta’ żewġ każijiet ta’ ksur f-deċiżjoni waħda — Kunċett ta’ ksur uniku — Talba għal bidla — Ammont tal-multi — Tul tal-ksur — Tul tal-proċeduri amministrattivi — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi tal-2006 — Valur tal-bjegħ — Multa simbolika — Setgħa ta’ ġurisdizzjoni sħiħa”)

(2014/C 78/12)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: AC-Treuhand AG (Zürich, l-Isvizzera) (rappreżentanti: C. Steinle u I. Bodenstein, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Ronkes Agerbeek u R. Sauer, aġenti, assistiti minn A. Böhlke, avukat)

#### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 8682 finali, tal-11 ta' Novembru 2009, relatata ma' proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.589 — Stabilizzaturi tas-sħana), jew, sussidjarjan, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti.

#### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) AC-Treuhand AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 80, 27.03.2010.

<sup>(1)</sup> ĠU C 100, 17.4.2010.